MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-3 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 1346/1997/1

**Joseph Grech u b'digriet tat-18 ta' Settembru 2005 l-Atti gew trasfuzi f'isem Mario Grech u Catherine Galea u dan wara li l-attur miet fil-mori tal-kawza.**

**v.**

**Charles Sciberras ghan-nom u in raprezentanza ta' Visa Travel Limited.**

**Il-Qorti:**
**<u>Preliminari</u>**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1997 l-attur premetta illi huwa

akkwista l-vettura BAB - 885 minghand Andre` Previ li introducih mas-socjeta` konvenuta sabiex jkun jista' jassigura l-vettura msemmija; illi huwa hallas is-somma ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400.00) permezz ta' *cheque* datat 10 ta' Lulju 1997 [recte: 1996] sabiex is-socjeta` konvenuta setghet tassigura l-vettura akkwistata mill-attur b'assigurazzjoni tat-tip *fully comprehensive*; illi s-socjeta` konvenuta hallset bl-istess *cheque* lis-socjeta` Colour Chart Co. Ltd. liema *cheque* gie msarraf fl-24 ta' Lulju 1996; illi l-istess socjeta` konvenuta pprezentat lill-attur certifikat ta' l-assigurazzjoni li jkoprih mill-21 ta' Marzu 1996 sat-28 ta' Frar 1997; illi l-attur kien involut f'incident stradali fil-25 ta' Awwissu 1996 ghall-habta tal-5:30 ta' filghodu fejn il-vettura tieghu soffriet danni konsiderevoli u giet iccertifikata *beyond economical repair* kif jista' jidher minn *survey* maghmul minn John Callus; illi meta l-attur fil-5 ta' Settembru 1996 mar jgharraf lil Commercial Union Insurance gie mgharraf li s-socjeta` konvenuta qatt ma kienet gharfithom b'din l-assigurazzjoni u meta l-attur ipprezentalhom ic-certifikat fil-pussess tieghu gie mitlub ihallih ghandhom u ghaldaqstant l-attur inghata fotokopja ta' l-imsemmi certifikat li gie anness ma' l-att tac-citazzjoni; illi l-konvenut ipprova jiggustifika n-nuqqas lampanti tieghu u sahansitra mar jispezzjona l-vettura fejn tinstab ghand it-Topcar Garage sabiex jikkunsidra jaghmel tajjeb ghad-danni sofferti mill-attur; illi l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas id-danni konsiderevoli sofferti minnu, is-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti;

Dan premess l-attur talab li dik il-Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta kienet unikament responsabbli, kif kienet obbligat ruhha li taghmel, sabiex tassigura l-vettura ta' l-attur b'polza ta' l-assigurazzjoni tat-tip *fully comprehensive*;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur okkorendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-attur in linea ta' danni l-ammont hekk likwidat;

Bl-ispejjez ta’ l-ittra bonarja tas-17 ta’ Ottubru 1996 u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza kontra s-socjeta` konvenuta;

B’nota pprezentata fit-8 ta’ Mejju 1998 il-konvenut eccepixxa (fol. 9):-

“Illi huwa mhuwiex responsabbli ghad-danni pretizi u dan minhabba ragunijiet u konsiderazzjonijiet legali u fattwali li johorgu mid-dikjarazzjoni u kif ser jirrizulta fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza;

“Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut nomine u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

**Is-sentenza appellata**

Il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b’sentenza moghtija fit-8 ta’ Frar, 2006 bil-mod segwenti:
*“Ghal dawn il-motivi;*

*“Taqta’ u tiddeciedi l-kawza, billi prevja c-cahda ta’ l-eccezzjoni tal-konvenut nomine tilqa’ t-talba attrici billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-konvenut nomine hu fi htija ghad-danni subiti mill-attur u dan in bazi ghall-konsiderazzjonijiet kollha ta’ fatt u ta’ dritt superjorment esposti. Tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ hamest elef u seba’ mitt Lira Maltija (Lm5700). Konsegwentement tilqa’ wkoll it-tielet talba u b’hekk tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta’ danni. L-ispejjez gudizzjarji jibqghu sopportabbli mill-konvenut nomine.”*

Dik il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“L-azzjoni prezenti istitwita mill-attur hi wahda tendenti ghar-rizarciment tad-danni minnu subiti b’rizultat ta’ l-operat illecitu tal-konvenut nomine fil-konfront tieghu;

"L-attur ighid li hu xtara minghand Edward Previ vettura tal-marka Peugeot 306 Numru ta' Registrazzjoni BAB – 885. Din il-vettura kienet assigurata b'polza *"Third Party, Fire and Theft"* mas-socjeta` assigurattiva Commercial Union tramite s-socjeta` konvenuta, *sub-agent*, ossija *salesman*, ta' l-imsemmija socjeta` assigurativa. L-attur ried jassiguraha *fully comprehensive* u permezz ta' huh irrikorra ghand is-socjeta` konvenuta, li accettat il-hlas tal-*premium* u rrilaxxjatlu kopertura ta' assigurazzjoni fis-sens mitlub, effettiva mill-21 ta' Marzu 1996 (fol. 9). Fil-25 ta' Awwissu 1996 huwa kien involut f'incident stradali (ara Road Accident Report a fol. 7), izda meta rrikorra ghand is-socjeta` assigurativa din informatu li l-konvenut nomine qatt ma kien gharrafha b'din l-assigurazzjoni, u ghalhekk hu safa skopert, u b'hekk bata danni. Skond is-*survey* a fol. 13 il-*pre-accident value* tal-vettura kien ta' sitt elef u hames mitt Lira (Lm6500), b' wreck value ta' elf u mitejn lira (Lm1200);

"Il-konvenut nomine jiddefendi ruhu billi jsostni li l-attur ma kienx ghadu mela u ssottoskriva l-*proposal form* meta sehh l-incident. Huwa jsostni li hu l-attur mar ghandu fl-4 ta' Settembru 1996 u ghalhekk ma setax ikun hemm kopertura qabel din id-data. Huwa jiddikjara wkoll li c-certifikat tal-polza rrilaxxjah ghax l-assigurat precedenti Edward Previ qallu li ried jithallas minghand l-attur xerrej;

"Ghall-kompletezza tal-fatti kif johorgu mill-atti probatorji qed jigu senjalati s-segwenti riljievi l-aktar sostanzjali:-

"(1) Il-*premium* biex il-vettura tigi assigurata *fully comprehensive* thallas fl-10 ta' Lulju 1996 permezz ta' *cheque* li gie girat mis-socjeta` konvenuta. (Ara kopja tac-*cheque* a fol. 10 u xhieda ta' Edward Previ, fol. 69);

"(2) B' ittra taghha datata 6 ta' Novembru 1996 (fol. 11) is-socjeta` konvenuta informat lill-Avukati ta' l-attur illi kien fil-5 ta' Awwissu 1996 li giet iffirmata l-*proposal form*. Fiha testwalment jinghad dan: *"on the 5$^{th}$ of August 1996 Mr Grech came to my office completed and signed the form and comprehensive cover started from then as the insurance company accepted cover".* Imsejjah in subizzjoni l-konvenut jafferma li d-data indikata

kienet zbaljata in kwantu l-*proposal form* imtliet fl-4 ta' Settembru 1996 (ara dokument a fol. 36). In effetti huwa esebixxa l-kopja tieghu tal-precitata ittra bi tliet korrezzjonijiet fiha (fol. 34);

"(3) Jirrizulta li, indipendentement mill-fatt tad-data, u, cioe`, jekk kellhiex tkun l-4 ta' Settembru 1996 jew il-5 ta' Awwissu, 1996, is-socjeta` assiguratrici xorta wahda qatt ma kopriet il-vettura b'kopertura *fully comprehensive*. Ara deposizzjoni ta' Steve Conti, Manager Commercial Union a fol. 113 u fol. 130). Fil-fatt dan ix-xhud ighid li l-polza *third party* li kellu Edward Previ giet kancellata fid-9 ta' Settembru 1996;

"(4) Ix-xhud Dr. Marisa Attard tac-Centru tal-Financial Services tikkonferma li s-socjeta` konvenuta ma kellha ebda awtorizzazzjoni biex tagixxi ta' *insurance broker* u, inoltre, l-awtorita` biex din topera bhala *sub-agent* kienet giet sospiza fl-1996. Hi tghid ukoll li l-Centru kien ircieva bosta ilmenti dwar l-operat tas-socjeta` konvenuta, kompriza dik mill-attur, u dawn gew riferiti lill-Ufficcju ta' l-Avukat Generali ghall-passi opportuni. Ara xhieda taghha a fol. 105;

"(5) Jirrizulta li eventwalment ittiehdu proceduri penali kontra l-konvenut personalment ghal diversi reati ta' frodi u misapproprijazzjoni (ara dokument ta' akkuza a fol. 98), konkluzi bis-sentenza tat-22 ta' Ottubru 1998 (kopja taghha a fol. 100) fuq ammissjoni ta' l-istess konvenut;

"Mill-premessi fatti jidher li l-kawza prezenti ghandha fondament guridiku fid-disposizzjoni kontenuta fl-Artikoli 1031 u 1033 tal-Kodici Civili. Proprju dan ta' l-ahhar jipprovdi li "kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb li jaghmel deni, ghax ikun irid jew b'nuqqas ta' diligenza, ta' prudenza jew ta' hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, hu obbligat ghall-hlas tal-hsara li tigri minhabba f'hekk";

"Similment bhall-Artikolu 1133 Kodici Civili dwar l-obbligazzjonijiet in generali, il-precitat provvediment

jitratta minn imputabilita` jew kolpa f'sens ampju, kif distinta f'dolo u kulpa f'mizura stretta. It-tnejn huma konnotati ta' certa mgieba; fid-dolo, dik reprivevoli, fil-kulpa, dik negligenti, traskurat jew b'imperizja. Jinghad fis-sentenza a Vol. XXIV P I p 388 illi *"a differenza del diritto penale, in diritto civile, delitto e quasi delitto abbracciano qualsiasi azione illecita che leda il diritto altrui diminuendone il patrimonio, ed il danno da essere rifuso comprende tanto la perdita sofferta quanto il guadagno perduto";*

"Irid jinghad li kemm fid-delitt jew il-kwazi delitt, id-dolo jew il-kulpa jistghu jigu dimostrati permezz ta' fatti u cirkostanzi li minnhom jista' jigi stabbilit in-ness bejn il-kondotta u l-event dannuz. F'certa dottrina akkreditata – ara ad ezempju, Busnelli "Illecito Civile" u Franzoni "Le Obbligazioni da fatto illecito", Edizione Utet 2004 – jinsab osservat illi l-prova tad-dolo tista' ssir *"mediante l'allegazione su fatti o circostanze delle quali si possa desumere la previsione di un certo evento lesivo: la preordinazione fraudolenta o il preciso intento di nuocere da parte del responsabile";*

"Opportunement, tajjeb li jigi hawn rilevat ukoll dak li drabi ohra gie osservat in materja ta' apprezzament ta' provi, jigifieri f'kaz fejn "il-konvenut kien issokkomba fil-gudizzju kriminali ghax kien ammetta l-imputazzjoni, dik l-ammissjoni, f'kaz li kellu jsir gudizzju iehor ghad-danni, kienet tikkostitwixxi prova, mhux bhala prova in sedi kriminali estendibbli ghall-gudizzju civili, imma bhala konfessjoni, bl-istess mod kif kienet tkun producibbli bhala prova konfessjoni bil-mitkub maghmula band' ohra, jew anki konfessjoni verbali" (Kollez. Vol. XLI P I p 744);

"Jista' forsi jigi obbjettat illi s-suddetti principji dottrinali u gurisprudenzjali ma japplikawx fil-kaz tal-kumpanija konvenuta in kwantu socjeta` b'responsabilita` limitata. Dan ma huwiex preciz tant li fir-rigward din il-Qorti, diversament presjeduta, gia` kellha okkazjoni toffri l-kummenti taghha u s-soluzzjoni guridika korretta fuq it-tematika in bazi ghall-izviluppi f'pajjizi ohra, senjatament dawk b'sistema tal-*common law*. Ara "Victor Galea -vs-

Marin J. Hili nomine”, 1 ta’ Ottubru 1996. Kemm f’din is-sentenza kif ukoll f’dik l-ohra fl-ismijiet “John Farrugia et -vs- Perit Joe Ellul Vincenti nomine”, deciza fl-istess jum, dik il-Qorti enuncjat li “persuna guridika tista’ wkoll tigi ritenuta responsabbli civilment ghall-danni konsegwenzjali ghal delitt jew kwazi delitt”. Gja qabel dawn, pero`, fid-decizjoni “John Bugeja –vs- Giuseppe Maria Vella Gatt proprio et nomine”, Qorti tal-Kummerc, 11 ta’ Dicembru 1975 konfermata in sede Appell fil-31 ta’ Jannar 1997, kien inghad b’osservazzjoni ghall-fatti f’dik il-kawza illi “l-agir tas-socjeta` konvenuta kif immexxija mill-konvenut, jammonta ghall-agir, imprudenti u delittwali, u l-mod ta’ kif sar id-depozitu tal-flus fil-Bank f’Jersey u l-izbank ta’ l-istess flus sabiex jergghu jghaddu fil-pussess ta’ l-istess socjeta` konvenuta, meta ma kienx hemm self debitament awtorizzat, jikkostitwixxi delitt aktar serju ta’ misapproprjazzjoni da parti tas-socjeta` konvenuta”. Ghalhekk dik il-Qorti ghaddiet biex issib lill-konvenut personalment u s-socjeta` konvenuta solidament responsabbli ghar-rifuzjoni ta’ l-ammont mitlub mill-attur;

“Maghrufa l-fatti u applikati ‘l fuq precitati principji u enuncjazzjonijiet rakkolti mill-gurisprudenza, din il-Qorti ftit ghandha dubbji illi l-kondotta tal-konvenut nomine fil-konfront ta’ l-attur kienet wahda illecita u qarrieqa b’mod mill-aktar palesi u din il-kondotta gabet konsegwenzi dannuzi immedjati lill-attur li sab ruhu minghajr kopertura kontra r-riskju ghad-danni li ssubixxa fl-incident awtomobilistiku li kellu, u ma setax jirkupra minghand l-assigurazzjoni;

“Kien ir-rapprezentant ewlieni taghha li emetta c-Certifikat ta’ Assigurazzjoni meta ma kienx kwalifikat jew licenzjat li jaghmel dan. L-iskuzanti li hu ghamel hekk biex jakkomoda lil Edward Previ mhux biss mhix accettabbli izda addirittura tirripunja ghall-intelligenza ta’ din il-Qorti. Kien hu li zamm ic-*cheque* tal-*premium* u dawru ghall-interessi tieghu. Kien hu wkoll li volontarjament ikkonfessa d-dolozita ta’ ghemilu. Dan mhux biss *di fronte* ghall-attur imma wkoll fir-rigward ta’ diversi persuni ohra, kif jidher kjarament mill-att ta’ akkuza migjuba kontrih. Il-modus operandi tieghu ghalhekk ma jistax ma

jikkonfigurax bhala azzjoni delittwuza manifestata minn dik is-*system of conduct* rikonoxxuta mill-gurisprudenza taghna fuq l-istregwa tas-sistema legislattiv Ingliz bhala prova li tattakka l-kredibilita` ta' l-imputat. Ara Kollez. Vol. XXXVII P IV p 1198 u Vol. XL P I p 376;

"L-accertament ta' din il-kondotta ghandha naturalment influwenza fuq ir-rizarciment tad-danni in kwantu tikkonsentixxi lill-gudikant li jammetti r-reintegrazzjoni patrimonjali ta' l-attur mill-konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz;

"Ghad li l-fatti huma distinti minn dawk tal-kaz in ezami, gie ritenut fid-decizjoni a Vol. XXXIX P II p 707, b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 1033, Kodici Civili, illi meta l-imsejjah fil-kawza kera karozza *self drive* meta l-assigurazzjoni ma kienetx ghadha saret filwaqt ta' l-incident li fih kien ko-involt il-kerrej, l-iskop ta' l-attur reklamanti l-hlas tad-danni giet b'hekk frustrata. Konsegwentement, dik il-Qorti iddecediet li l-imsejjah fil-kawza rrenda ruhu solidalment ma' min ikkaguna materjalment dawk id-danni;

"Issa ghal dawk li huma danni jirrizulta mis-*survey* (fol. 13) illi l-vettura ta' l-attur giet, b'rizultat ta' l-incident, dikjarata *beyond economical repair*. F'kaz bhal dan l-attur hu intitolat ghad-differenza bejn il-valur ta' l-istess vettura qabel l-incident (Lm6500) u l-valur taghha wara l-incident ghax dawk huma d-danni li hu sofra. Huwa ma ghandux dritt igieghel lill-konvenut nomine jaccetta r-*wreckage* imma din tibqa' tieghu u jkollu dritt jiddisponi minnha u jdahhal il-valur taghha bhala *wreckage.* Ara "George Debono nomine –vs- Joseph Bugeja", Appell Civili, 30 ta' April 1990. F'dan il-kaz ir-*wreck* hu stmat fl-ammonta ta' elf u mitejn lira (Lm1200). Id-differenza allura li ghaliha hu ntitolat l-attur hi hamest elef u tliet mitt Lira (Lm5300). Hi din is-somma, flimkien mar-rimbors tas-somma ta' erba' mitt Lira li l-attur hallas bhala *premium*, li l-konvenut nomine ser jigi kkundannat jirrizarcixxi f'danni lill-attur; b'kollox hamest elef u seba' mitt Lira (Lm5700)."

**<u>L-appell tas-socjeta` konvenuta</u>**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u b'rikors intavolat fit-23 ta' Frar 2006, talbet li ghar-ragunijiet hemm moghtija din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija sentenza billi tichad it-talbiet attrici u tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur.

L-atturi pprezentaw risposta ghar-rikors tas-socjeta` konvenuta fejn issottomettew li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita konferma u li ghalhekk, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, l-appell ghandu jigi respint inkwantu jirrazenta il-frivolozilta` u l-vessatorjeta`.

**<u>L-aggravji tas-socjeta` konvenuta appellanti</u>**

Is-socjeta` konvenuta ressqet zewg aggravji kontra s-sentenza appellata li, fir-rikors ta' l-appell gew sintetizzati bil-mod segwenti:
a) illi l-ewwel Qorti injorat certi fatti essenzjali u l-kronologija taghhom;

b) illi l-ewwel Qorti injorat il-fattur rilevanti tad-data ta' l-incident paragunat mal-mument li saret l-*upgrade*.

Ikkunsidrat:

Minn qari akkurat tar-rikors ta' l-appell jidher li l-appellant qed jilmenta mill-apprezzament tal-provi hekk kif maghmul mill-ewwel Qorti. In effetti, accertati l-fatti tal-kaz, l-ilment tieghu principali huwa li ma kien hemm ebda ness bejn in-nuqqasijiet tieghu u l-event dannuz u li d-danni sofferti mill-attur kienu rizultat tan-negligenza u nuqqas tal-istess attur li jmur jimla l-*proposal form* u jiffirma l-istess f'hin tempestiv. Il-konvenut isostni li l-assigurazzjoni qatt ma setghet tinhareg f'isem l-attur minghajr dan id-dokument, u kien ghalhekk tort ta' l-attur li l-assigurazzjoni ma accettatx il-*claim* billi tali *proposal form* giet kompletata u iffirmata biss wara li sehh l-incident tal-25 ta' Awwissu, 1996.

Huwa fatt li kuntratt ta' assigurazzjoni jehtieg li qabel xejn tintmela l-*proposal form* fejn l-assikurat prospettiv jaghti informazzjoni lill-kumpanija assiguratrici li tkun ta' siwi ghaliha meta tigi biex tiddeciedi jekk taccettax ir-riskju jew le. Minghajr dan id-dokument ma tista' tinhareg ebda assigurazzjoni u kien ghalhekk li l-Commercial Union irrifjutat il-kopertura billi l-*proposal form* wasal ghandha debitament kompletat u iffirmat sahansitra wara li kien sehh l-incident. Biss il-kwistjoni li kellha tigi ezaminata mill-ewwel Qorti, u li issa tinsab quddiem din il-Qorti, ma kienitx jekk kienx hemm kopertura ghall-incident li sehh fil-25 ta' Awwissu, 1996. Kieku dan kien il-kaz, l-azzjoni kienet tittiehed kontra l-assigurazzjoni u mhux kontra l-konvenut odjern. Il-kwistjoni li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, u li issa tinsab ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti, hija jekk kienx hemm xi nuqqasijiet da parti tal-konvenut fit-trattativi mal-assigurat propsettiv li wassal ghat-telf li dan sofra.

Ma huwiex kontestat li meta l-attur ikkonkluda l-akkwist tal-vettura minghand is-Sur Previ saret talba lill-konvenut biex din il-vettura tigi assigurata b'mod *comprehensive*. Il-konvenut laqa' t-talba tal-attur u sahansitra inkassa s-somma ta' Lm400 li giet imhallsa mill-attur bhala rapprezentanti l-*premium* ghal kopertura *comprehensive* fuq stima li nghatat lilu mill-istess konvenut. Fil-mument li l-konvenut intrometta ruhu f'dan in-negozju u accetta l-pagament huwa kien gia` qieghed *in mala fede* u dana billi l-istess konvenut kien jaf li kull licenzja biex huwa jopera bhala agent ta' kumpanija assiguratrici kienet giet sospiza mill-awtorita` kompetenti. Sahansitra dan gie ammess minnu fi proceduri kriminali istitwiti kontrih. Mhux hekk biss, talli jirrizulta li l-pagament li sar lilu qatt ma ghaddieh lis-socjeta` assiguratrici anzi adoperah biex jaghmel pagament lil socjeta` ohra mhux konnessa ma' assigurazzjoni.

Il-konvenut xhed li huwa kien qal lil Andre` Previ illi qabel ma jigi l-klient il-gdid (cioe` l-attur) u jimla l-*proposal form*, l-*insurance* ma kienitx tinbidel [fol. 42]. B'dana kollu l-istess konvenut ipprovda certifikat lill-attur li kien juri li kienet inharget polza ta' assigurazzjoni li kienet tkoprih

ghal perjodu bejn il-21 ta' Marzu 1996 u it-28 ta' Frar 1997. Kien ghalhekk gustifikat l-attur li joqghod fuq l-assigurazzjoni tal-konvenut li l-karozza kienet koperta *fully comprehensive* kif xtaq hu. Huwa dan l-agir tal-konvenut li wassal lill-ewwel Qorti biex issib ness bejn l-event dannuz u l-agir tal-konvenut.

Meta l-attur effettwa l-hlas tal-*premium* dan kien qed jaghmlu billi xtaq li l-polza tkun ta' ghamla *comprehensive* u ghalhekk dan kien mohhu misrieh li kien ser ikun kopert ghad-danni fil-vettura tieghu f'kaz ta' incident awtomobilistiku. Il-konvenut jallega li huwa avza kemm lil Previ kemm lil hu l-attur bil-htiega li tintela l-*proposal form,* biss f'dan ir-rigward jigi osservat li sija Previ kemm hu l-attur ma kellhom ebda konnessjoni mal-polza ta' assigurazzjoni li xtaq l-attur u kwindi kull avviz hekk maghmul ma seta' kellu ebda effett fuq l-attur. Fi ftit kliem il-konvenut qatt ma kien messu intrometta ruhu u accetta l-pagament. Kollox ma' kollox din il-Qorti taqbel mal-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti u ma tara ebda raguni l-ghala ghandha tiddisturba d-decizjoni taghha. Fic-cirkostanzi ezistenti l-konvenut ma kellu ebda dritt li jintrometti ruhu u kien obbligat li jinforma lill-attur li huwa ma setax jagixxi bhala rapprezentant. Il-fatt li naqas u l-fatt li ha l-flus minghand l-attur xejjen il-possibilita` ghall-attur li jirregola ruhu mal-assigurazzjoni jew rapprezentant taghha. Minn dan jidher li l-aggravji tas-socjeta` konvenuta mhux gustifikati.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------